Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima

Appell Nru: 535/2016

Il-Pulizja

Spettur Herman Mula

Vs

Ivan Mallia

Illum 27 ta' April, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra Ivan Mallia detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 79474M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

F'dawn il-Gzejjer f'Settembru 2011 u fix-xhur ta' wara din id-data:

a) Ikkoltiva l-pjanta *Cannabis* bi ksur tal-artikolu 8(c) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;
b) Importa jew gieghel li tigi importata jew ghamel xi haga sabiex tigi importata medicina perikoluza (*hemp seeds*) f'Malta, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;
c) U aktar talli b'hekk sar recidiv b'sentenzi tal-Qorti tal-Appell, preseduti mill-Imhallef Dr. M. Mallia LL.D. fil-25 ta' Ottubru 2012, liema sentenzi saru definittivi u

ma jistghux jigu mibdula jew imhassra u dan ai termini tal- Artikolu 49 u 50 [tal-Kap. 9] tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-4 ta' Novembru, 2016, fejn il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 8(c), 10(1), 12, 15A, 22(1)(a), 22(1B) u 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9, sabet lill-imputat mhux hati tat-tielet imputazzjoni migjuba kontra tieghu ossia tal-addebitu tar-recidiva u illiberatu minnha, sabithu hati tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet u kkundannatu ghall-piena ta' tmien (8) xhur prigunerija effettiva u multa ta' disa' mitt Euro (€900) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9, tista' tithallas mill-hati b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin Euro (€50), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mid-data tas-sentenza. B'dan illi jekk il-hati jonqos milli jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skond il-ligi.

Ordnat id-distruzzjoni tal-oggetti kollha li gew esebiti formalment minn PS 122 Arthur Borg flimkien mar-relazzjoni tieghu u r-rilaxx, favur il-hati, tal-*mobile phone* esebit flimkien mar-relazzjoni tal-espert Dr. Martin Bajada, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ordnat lill-hati sabiex ihallas l-ispejjez tal-esperti li gew nominati fl-istadju tal-process verbal tal-inkjesta dwar dan il-kaz, ossia l-ammont ta' erbatax-il Euro u hamsa u hamsin centezmu (€14.55), rapprezentanti l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni ta' PS 122 Arthur Borg, l-ammont ta' tnejn u sebghin Euro u sbatax-il centezmu (€72.17), rapprezentanti l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni ta' PS 826 Matthew Parnis u l-ammont ta' mitejn,

erbgha u sebghin Euro u sebgha u tmenin centezmu (€274.87), rapprezentanti l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-espert Dr. Martin Bajada, b'kollox ammontanti ghas-somma ta' tliet mija, wiehed u sittin Euro u disgha u hamsin centezmu (€361.59), liema spejjez ghandhom jithallsu mill-hati fi zmien tliet (3) xhur mil-lum.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Ivan Mallia, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-16 ta' Novembru, 2016, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti tirriforma s-sentenza appellata, limitatament in kwantu ghall-piena, billi tikkonferma dik il-parti fejn il-Qorti sabet hati lill-appellant kif ukoll dik il-parti fejn ma haditx konjizzjoni tat-tielet imputazzjoni, u tirrevokaha fejn ikkundannatu ghall-piena ta' tmien xhur prigunerija u multa ta' €900, u minflok titlob lil din il-Qorti tal-Appell taghmel rakkomandazzjoni lil Eccellenza taghha l-President tar-Repubblika ta' Malta sabiex tigi applikata l-mahfra Presidenzjali fil-konfront tal-appellanti, fin-nuqqas ta' dan, alternattivament tapplika piena inqas minn dik inflitta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravji tal-appellant Ivan Mallia:

1. Illi fl-ewwel lok il-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tieghu hija wahda eccessiva u timmerita il tigi mitigata. Kif ser jigi sottomess waqt it-trattazzjoni ta' dan l-umili appell, l-appellant umilment jemmen li fil-kaz odjern jezistu varji fatturi li jimmilitaw favur temperament fil-piena inflitta mill-Ewwel Onorabbli Qorti. Liema temperament ghandu jkun wiehed fejn l-istess iwasslu sabiex huwa jibbenefika minn piena inqas minn dik il giet inftitta.

Fost dawn il-fatturi il l-appellant jixtieq jippuntwallizza hemm il-fatt li huwa qatt ma' ghamel uzu ta' droga u il dan kien episodju wiehed ta' esperimentazzjoni. Ghalhekk l-appellant ma jistax jigi kkunsidrat bhala xi persuna bi problema ta' droga, jew inkella bhala persuna vizzjata. Anzi izda pjuttost ghandu jigi kunsidrat bhala persuna li kien qieghed jaghmel dan kollu bhala esperiment. Dan l-aspett tal-karattru tal-appellant johrog bic-car kemm mill-istqarrija il huwa kien irrilaxxja a tempo vergine, kif ukoll mid-depozissjoni tieghu quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati. Tant hu hekk li huwa ikkopera bis-shih mal-Pulizija, u fil-prezent huwa la ghandu u lanqas qatt ma kellu problerna ta' droga.

Di fatti l-appellant, huwa persuna tajba u il tikkontribbwixxi fis-socjeta' tant il fil-prezent jinsab miexi fl triq it-tajba. Huwa ghandu xoghol stabbli u fiss, tant li anke beda negozju zghir, bhala turnkey contractor a bazi ta' self-employment. Ghandu familja u tifla ckejkna ta' erba' (4) snin, bl-isem ta' Laura, x'irabbi u x'jiehu hsieb.

Huwa ragel responsabbui u tal-familia, li r-relazzjoni tieghu mas-siehba tieghu hija b'sahhitha u baqghet b'sahhitha tul dawn il-proceduri kollha tant u issa huma ilhom ftimkien u f'din ir-relazzjoni ghal dawn l-ahhar sittax-il (l6) sena.

Illi l-appeluant huwa konxju tal-fatt il huwa minnu li generalment il-Qorti tal-Appell ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti, meta dik u-istess piena tkun fil-parametri tal-Ligi, pero' il-gurisprudenza taghllem il fi-ambitu tal-Ligi penali u meta l-Qrati kompetenti jkunu qeghdin jghaddu guddizzju fuq reati marbutin ma' traffikar ta' droga, il-Qorti kompetenti ghandha taghmel studju profond sabiex tasal ghall-piena. Fuq dan l-aspett, l-appellanti jaghmel referenza ghall-kawza il-Pulizija vs. Jonathan Cassar, deciza mill-Qorti tal-Appelu Kriminali, fit-2 ta' Luiju tas-sena 2012, fejn fir-rigward ta' dan u-insenjament, dik il-Qorti pprovdiet is-segwenti taghlim:

"bhan-natura tad-droga mertu tal-kaz, il-kwantita' tad-droga, il-kwalita' taghha, il-purezza taghha nonche wkoll sa certupunt il-valur fis-suq miftuh tal-istess droga, kif ukoll aspetti aktar soggettivi ghac-cirkostanzi relattivi ghall-persuna il tkun involuta fil-kaz, il-precedenti taghha, il-modalita' adoperata fir-rigward tal-pussess tal-istess droga u/jew il-modalita tat-traffikar taghha. Jigu mehuda wkoll in konsiderazzjoni aspetti procedurali ohrajn bhall-livell ta ' koperazzjoni tal-persuna mixlija mal-awtoritajiet tal-pulizija, jekk tali persuna kienetx tikkwalifika ghal skonti fil-piena naxxenti mill-ligi (ezempju f'kaz t'applikazzjoni tal-artikolu 29 tal-Kapitolu 101) jew f'kaz t'ammissjoni tal-htija fi stadju bikri tal-proceduri . . . Dawn il-kriterji ghandhom jigu applikati indipendentement jekk il-kaz jigix deciz mill-Qorti Kriminali jew mill-Qorti tal-Magistrati."

Fl-umli fehma tal-appellant meta wiehed jara c-cirkostanzi tal-kaz, mal-elementi ta' dan l-istudju profond, kif indikat per il-gurisprudenza hawn surreferita, l-Ewwel Qorti setat tasal ghall-piena iktar mitiga minn dik il giet inflitta fil-konfront tieghu.

Ghalhekk jfisser li din l-Onorabbli Qorti tal-Appell ghandha f'dan il-kaz tiddisturba dik id-decizjoni fejn tirrelata ghall-piena. Fuq kollox kienet l-istess l-Ewwel Qorti illi fid-decizjoni taghha tal-4 ta' Novembru, 2016, semmi iktar minn darba l-kooperazzjoni tal-appellanti u tishaq li din il-kawza hija bbazata kwazi interament fuq l-istqarrija tieghu, li kif ukoll tiddikjara li l-fedina penali tal-appellanti mhijiex wahda allarmanti stante li din kienet tikkunsisti biss f'kundanna wahda dwar reat minuri.

Tant hu hekk li f'pagna sebgha (7) tal-istess decizjoni, l-Ewwel Qorti tghid hekk fir-rispett tal-karattru tal-appellanti, "ma jirrizultax illi l-istess imputat kien altrimenti involut b 'xi mod fid-droga."

Illi ghalhekk dan kollu jikkonferma, kemm fl-verita' l-appellant huwa persuna ideali tas-socjeta' izda li dan kien episodju wiehed, u fil-passat ferm, ta' tfixkil personali li kien gej minn xewqa ta' esperimentazzjoni. Ghalhekk anke l-istess l-Ewwel Qorti messha fehmet li dan kien kaz partikolari u eccezzjonali.

Illi tenedo kont dan kollu, il-piena karcerarja ta' tmien (8) xhur effettivi hija ghalhekk piena ta' tfixkil u tmur kontra l-ispirtu tal-gurisprudenza, li dejjem sahqet ghar-riabilitazzjoni tal-imputati. Fuq dan l-aspett, l-appellant jaghmel referenza ghad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, kif diversament presjeduta, fi-ismijiet il-Pulizija vs Marco Galea, deciza fil-5 ta' Mejju tas-sena 2008. Fejn anke f'dak il-kaz partikolari, jekk mhux uniku, il-Qorti tal-Appell ikkunsidrat il minkejja l-imposizzjoni ta' piena karceraija tassattiva fil-Ligi, meta jkollok "kaz eccezzjonali, jirrikjedi mizuri eccezzjonali'.

Dik il-mizura eccezzjonali il ghandha tigi adoperata f'sitwazzzjonijiet tali skond dan l-insenjament issa importanti hafna, hija li l-Qorti ghandha tmur lil hinn minn piena karcerarja tassattiva fl-ammont ta' sitt xhur, li huwa l-minimu fil-Ligi, u anzi tapplika mizuri punittivi ohrajn. Liema pieni jkunu iktar jixirqu u joholqu iktar gustizzja, meta l-imputat ikun jisthoqqlu li jinghata dan it-trattament eccezzjonali. Di fatti f'dik id-decizjoni, il-Qorti tal-Appell applikat id-dritt diskrezzjonali taghha li tirrikomanda l-imputat ghall-mahfra presidenzjali tar-reati maghmula minnu. Dik il-Qorti, fid-decizjoni hawn surreferita u cioe' l-Pulizija vs. Marco Galea kompliet tghid hekk:

"Jidher ghalhekk li din il-Qorti ghandha quddiemha kaz eccezzjonali fejn, fil-fehma kunsidrata taghha, il-piena ta ' sitt xhur prigunera (erba ' xhur jekk tnaqqas il-one third remission for good conduct) x 'aktarx iggibu fix-xejn dak kollu li l-appellat irnexxielu jikseb sa issa, u dan bi hsara mhux biss tal-istess appellat izda wkoll tas-socjeta' li fiha l-appellat illum jinsab integrat pjenament bhala membru onest u biezel. Il-kaz meritu ta' din il-kawza kien

jirrigwarda att wiehed u ta' darba ta' traffikar ammont minimum pero 'f'kaz eccezzjonali, xejn ma jzomm lil dik il-Qorti milli tirrikomanda l-uzu tal-prerogattiva tal-mahfra. Fil-fehma kunsidrata ta' din il-Qorti, l-appellat ghandu jservi biss gimgha prigunera — u b 'hekk jigi saldat id- dejn li huwa ghandu mas-socjeta 'fir-rigward tal-att ta ' traffikar li huwa wettaq, u ghalhekk il-Qorti sejra illum stess tirrakkomanda lill-awtorita ' kompetenti li, hlief ghall imsemrnua gimgha, il-kumplament tal-piena ta 'prigunera tinhafer.

Illi r-raguni ghalfejn l-avvukati sottofirmati ma pprovdewx ghall-procedura ta' talba ghall-mahfra presidenzjali sussegwentement ghas-sentenza, izda gew quddiem din l-Onorabbli Qorti huwa ghaliex huwa maghruf ben tajjeb li tali talbiet jiehdu gieli l'fuq minn ghaxar (10) xahur u gieli anke l'fuq minn sena zmien, biex jigu decizi. Ghalhekk l-appellant kien ha jitqieghed f'posizzjoni fejn s-sentenza tieghu tkun giet skontata diga. Ghalhekk kien iktar idoneu li tali talba ssir lil din l-Onorabbli Qorti fil-kapacitajiet li ghandha, skond l-insenjament tal-gurisprudenza li hareg mill-kawza l-Pulizilja vs. Marco Galea.

Illi infinis l-appellanti umilment jirrileva li l-kaz tieghu huwa wiehed eccezzjonali li wkoll jirrikjedi li din il-Onorabbli Qorti tuza l-prerogattiva tal-mahfra, jew ghal-inqas jekk dan ma jistax jkun, alternativament wara li jsir ezami tac-cirkostanzi tal-kaz u tal-karattru tal-appellanti, il-Qorti ghandha taghzel il tinfliggi piena il tmur iktar fil-minimu permessibli.

Ikkunsidrat,

Illi il-gravam sottopost ghal gudizzju ta' din il-Qorti jikkoncerna unikament il-piena erogata mill-Ewwel Qorti ghall-akkuzi li dwarhom l-appellanti gie misjub hati u cioe' ir-reati ta'l-ikkoltivar tal-pjanta kannabis u l-importazzjoni taz-zerriegha ta'l-

istess ai fini tal-koltivazzjoni. Jishaq l-appellanti illi l-piena kienet wahda eccessiva tenut kont tal-fatt illi dak kien episodju uniku ta' espertimentazzjoni u li hu qatt ma ghamel uzu minn droga. Kwindi fil-fehma tieghu jezistu cirkostanzi specjali li jimmeritaw illi din il-Qorti taghmel rakkomandazzjoni ghal mahfra mill-President tar-Repubblika.

Illi l-piena stabbilita ghar-reati addebitati lill-appellanti meta dawn jaqghu fil-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati ghandha tkun dik ta' prigunerija ta' bejn sitt xhur u ghaxar snin flimkien ma' multa ta' bejn €465.87 u €11646.87. Issa l-piena erogata mill-Ewwel Qorti kienet taqa' sew fil-parametri stabbiliti fil-ligi, anzi din tqarreb iktar lejn il-minimu taghha. Il-mottiv li wassal lill-Ewwel Qorti sabiex taghmel dan huma spjegati b'mod dettaljat fid-decizjoni impunjata fejn dik il-Qorti stqarret li hija kienet ser teroga piena vicin il-minimu billi l-fedina penali ta'l-appellanti ma kenitx allarmanti, illi huwa ikkopera mal-pulizija fl-investigazzjonijiet ghalkemm ghazel li jikkontesta l-kawza, izda ukoll il-fatt illi l-appellanti kien importa iz-zerriegha tal-kannabis u ikkoltiva tmien pjanti kif ammess minnu stess.

Issa dak li qed jitlob l-appellanti f'dan l-appell mhuwiex daqstant illi din il-Qorti ta' revizjoni tirriforma l-piena inflitta billi taghti piena iktar miti, izda illi tapplika l-*modus operandi* ta' din il-Qorti kif diversament ippresjeduta fis-sentenza il-Pulizija vs Marco Galea[1] billi fil-fehma tieghu anke f'dan il-kaz jezistu dawk ic-cirkostanzi eccezzjonali "li jirrikjedu mizuri eccezzjonali" sabiex din il-Qorti tghaddi biex taghmel ir-rakomandazzjoni taghha ghall-uzu tal-prerogattiva tal-mahfra presidenzjali fil-konfront tieghu. Dan ghaliex, x'aktarx, l-appellanti stess jirrikonoxxi illi l-Ewwel Qorti kienet diga miti bizzejjed meta giet biex teroga piena ta' tmien xhur prigunerija u multa ta' disa mitt ewro, piena li kif diga irrimarkat din il-Qorti hija wahda li tqarreb hafna lejn il-minimu.

[1] Deciza 05/05/2008

Illi din il-Qorti mal-ewwel tosserva illi ma tistax tikkondividi l-fehma ta'l-appellanti illi f'dan il-kaz jezsitu xi cirkostanzi eccezzjonali li jistghu iwasslu sabiex issir ir-rakomandazzjoni mitluba. Dan ghaliex mhux l-ewwel darba illi din il-Qorti f'dawn il-kazijiet li jinvolvu reati dwar traffikar ta' droga tiltaqa' ma ' cirkostanzi fejn l-persuna misjuba hatja ma tkunx xi wahda pluri-recidiva izda tkun ghamlet "zball" ta' darba u sahansitra ikun hemm kazijiet fejn il-persuna tkun integrata fis-socjeta u ghandha familja bhal fil-kaz odjern. Issa f'dan il-kaz huwa indubitat illi l-appellanti, li *ex admissis*, jirrizulta li mhuwiex bniedem li jabbuza minn xi droga, ghazel minn jeddu u b'mod konxju u liberu li jakkwista iz-zerriegha tal-pjanta kannabis bl-intenzjoni li jibda operazzjoni ta'l-ikkoltivar ta' din il-pjanta. Illi fil-fatt huwa stharreg sew kif kellu jaghmel dan, tant illi jidher illi kien jaf tajjeb hafna kif kellu isir il-process ta'l-ikkoltivar ta' din il-pjanta. Kien anke xtara l-apparat kollu mehtieg, li fil-fatt il-pulizija sabu fil-garaxx tieghu, sabiex l-operazzjoni tieghu tkun wahda ta' success u skont ma ighid hu dan ma irnexxiex minhabba li l-pjanti gew attakki minn xi insetti u mhux ghaliex huwa iddesista mill-azzjoni tieghu. Fil-fatt bhala rizultat ta' din l-operazzjoni kibbru mhux inqas minn tmien pjanti, tant illi l-Ewwel Qorti lanqas setghet tghaddi biex tapplika dak li kien jipprovdi l-artikolu 7 tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tieghu. Dan kollu fissser haga wahda biss illi l-appellanti, li ma kienx bniedem li ser jaghmel uzu minn din id-droga huwa stess, certament kellu l-hsieb pre-ordinat illi jibda xi negozju illecitu ta' traffikar. Dawn ic-cirkostanzi huma kemmxejn differenti minn dawk li kellha quddiem wiccha din il-Qorti, kif diversament ippresjeduta fil-kawza li jaghmel referenza ghaliha l-appellanti ta' Marco Galea.

Illi maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet allura din il-Qorti hija tal-fehma illi t-talba mressqa 'il quddiem mill-appellanti ma tisthoqqilhiex li tigi milqugha. Illi di piu' it-talba fir-rikors ta'l-appell kif redatta mill-appellanti hija wahda li ma tirrispjekkax dak mitlub fl-artikolu 419(1)(c) tal-Kodici Kriminali, billi l-appellanti la qed jitlob ir-revoka u lanqas ir-riforma ta'l-ebda parti mid-decizjoni impunjata izda qed jitlob il-konferma tas-sentenza ta'l-Ewwel Qorti fl-intier taghha biz-zieda illi din il-Qorti

taghmel rakomandazzjoni ghal mahfra presidenzjali a tenur ta'l-artikolu 494 rez applikabbli ghal din il-Qorti bl-artikolu 513 tal-Kodici Kriminali u biss imbaghad sussidjarjament fejn din il-Qorti thoss illi dan ma ghandux isir illi tapplika piena iktar miti.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u id-decizjoni appellata ikkonfermata fl-intier taghha.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur